L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA

LIVELL INTERMEDJU

# IL-MALTI

MEJJU 2012

RAPPORT TAL-EŻAMINATURI

ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
BORD TAL-EŻAMINATURI

# IL-MALTI FIL-LIVELL INTERMEDJU

SESSJONI TA' MEJJU 2012

## RAPPORT TAL-EŻAMINATURI

L-għadd ta' kandidati li nkitbu għall-eżami tal-Malti fil-livell Intermedju li sar f'Mejju tal-2012 kien ta' 590; kien hemm 623 fl-2011, 626 fl-2010, u 650 fl-2009. L-istatistika li tidher hawn taħt turi li 47.5% tal-istudenti li għamlu dan l-eżami f'Mejju tal-2012 ġabu bejn A u C (48.2% fl-2011) waqt li 84.1% ġabu bejn A u E (85.4% fl-2011).

| Grad | A | B | C | D | E | F | ASSENTI | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Kandidati | 17 | 69 | 194 | 131 | 85 | 85 | 9 | 590 |
| % | 2.9 | 11.7 | 32.9 | 22.2 | 14.4 | 14.4 | 1.5 | 100.0 |

Dawn ir-riżultati jistgħu jitqabblu mar-riżultati tas-sentejn ta' qabel:

Mejju 2011

| Grad | A | B | C | D | E | F | Assenti | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru | 23 | 70 | 207 | 148 | 84 | 82 | 9 | 623 |

Mejju 2010

| Grad | A | B | C | D | E | F | Assenti | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru | 35 | 78 | 198 | 169 | 54 | 83 | 9 | 626 |

L-istatistika turi li fl-2012 kien hemm tnaqqis mis-sena ta' qabel fil-persentaġġ tal-istudenti li kisbu l-ogħla żewġ gradi ta' A u B, u żieda fl-għadd ta' studenti li ġabu l-grad E. Bħal fil-każ tas-snin li għaddew, id-distribuzzjoni tal-gradi turi li hemm żewġ kategoriji ta' kandidati li jagħmlu dan l-eżami, dawk li verament jidħlu għalih bis-serjetà u jagħmlu ħilithom biex iġibu l-ogħla marki u dawk li ma jitħejjewx biżżejjed, forsi għax jaħsbu li hu suġġett li ma jeħtieġx ħafna studju. Il-kitbiet fil-karti tal-eżami jirriflettu din id-distinzjoni bejn tħejjija tajba ħafna u tħejjija mhux xierqa għax ma tirriflettix il-livell mistenni minn

studenti li temmew l-edukazzjoni postsekondarja tagħhom u jridu jkompli jistudjaw jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

**L-ORALI (10%)**

Għadd ta' kandidati jidhru li ma jafux li s-sillabu jistabbilixxi li "jingħataw tliet temi ta' **ġrajjiet kurrenti** għad-diskussjoni." Il-kandidati jagħżlu karta b'suġġett wieħed minn tlieta li l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi jqiegħdu quddiemhom wiċċhom 'l isfel u mbagħad iridu jitkellmu fuqu għal madwar għaxar minuti biex juru l-ħila tagħhom fit-taħdit bil-Malti. Il-kandidati ma jistgħux jagħżlu titlu ieħor għax l-ewwel wieħed ma jogħġobhomx jew m'għandhomx xi jgħidu fuqu. Il-marka tingħata fuq diversi kriterji marbutin mal-ħiliet fit-taħdit u l-argumentazzjoni, bħalma huma l-espressjoni tal-ħsieb, l-iżvilupp tal-ideat, l-għażla tal-vokabularju u fuq kollox l-użu ta' Malti korrett mil-lat idjomatiku u grammatikali.

Il-kandidati jingħataw minuta biex jaħsbu fuq it-tema. Lil dawk li jsibuha diffiċli biex jibdew jitkellmu huma jew jeħlu fin-nofs għax ma jsibux iżjed xi jgħidu l-eżaminaturi jistaqsuhom għadd ta' mistoqsijiet jew joffru tagħrif importanti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. Il-marka tal-oral tkopri 10% tal-marka globali. L-eżaminaturi jibbażaw il-marka tagħhom fuq l-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika (4 marki) u l-espressjoni (6 marki), b'enfasi fuq l-użu ta' Malti idjomatiku, l-użu ta' vokabularju wiesa' u ċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

Fl-eżami ta' Mejju 2012 l-eżaminaturi ltaqgħu ma' kandidati li għalkemm dehru li għandhom ħakma tajba tal-lingwa u tħejjija akkademika serja, qagħdu lura ħafna fl-orali u stennew l-għajnuna tal-eżaminaturi biex jibdew jitkellmu dwar is-suġġett li kellhom quddiemhom. Jeħtieġ li l-istudenti jipprattikaw it-taħdit minn mindu jkunu żgħar biex irabbu fihom ċerta kunfidenza u jitgħallmu jużaw Malti addattat fit-taħdit "formali" tagħhom. Il-Bord tal-Eżaminaturi jissuġġerixxi wkoll li l-istudenti jidraw jaqraw kotba u rivisti bil-Malti u jisimgħu programmi ta' kwalità fuq il-mezzi tax-xandir sa minn kmieni fl-iżvilupp edukattiv tagħhom.

## It-temi tal-Oral

Id-disa' suġġetti li ngħataw fit-tliet sessjonijiet tal-oral ta' Mejju 2012 u li ntrabtu ma' ġrajjiet kurrenti kienu:

- Il-ktieb elettroniku u l-qari minn fuq il-kompjuter
- Klieb fl-aħbarijiet
- Ir-rivoluzzjonijiet fil-pajjiżi Għarab
- Gazzetti u ġrajjiet kurrenti
- Iċ-ċinema fil-gżejjer Maltin
- Id-delitti u n-nies
- Diżastri naturali u diżastri umani
- Is-safar avventura, imma periklu wkoll
- Mużewijiet u siti storiċi.

Jidher li, b'mod ġenerali, dawn it-titli ntlaqgħu tajjeb mill-kandidati Maltin u Għawdxin (fis-sessjoni waħdanija li saret Għawdex intużaw l-ewwel tliet temi). Ħafna minnhom kienu kapaċi jitkellmu fuq it-titlu li kellhom. Min-naħa l-oħra, kien hemm għadd żgħir ta' kandidati li sabuha diffiċli ħafna li jitkellmu dwar żewġ temi li kienu partikolarment attwali: il-ktieb elettroniku u l-qari minn fuq il-kompjuter, u r-rivoluzzjonijiet fil-pajjiżi Għarab. Oħrajn, li aktarx ma tantx segwew il-ġrajjiet kurrenti fix-xhur ta' qabel l-eżami, sabu t-tema dwar il-klieb fl-aħbarijiet "vaga." Fil-każ tat-tema tad-delitti u kif jitkellmu fuqhom in-nies kien hemm studenti li waslu sal-każ ta' Ġiġa (li ġie ttrattat fi programm popolari televiżiv) u weħlu hemm, xhieda li qajla jsegwu dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż permezz ta' għejun differenti ta' informazzjoni.

L-eżaminaturi tal-orali nnutaw li kien hemm varjetà kbira fil-ħiliet tal-istudenti. Fost dawk li marru tajjeb kien hemm studenta partikolari li tkellmet fuq id-diżastri naturali u umani b'ħila kbira u wriet kemm kienet kapaċi torbot ħaġa m'oħra u tagħti eżempji validi mingħajr il-ħtieġa ta' intervent min-naħa tal-eżaminatur jew l-eżaminatriċi. Mill-banda l-oħra, xi wħud bdew isibuha wisq diffiċli li jitkellmu u bdew kull darba jistennew il-

mistoqsijiet tal-eżaminaturi biex jitkellmu. Ironikament uħud minnhom bdew iwieġbu sempliċiment "iva" jew "le" jew jirrepetu l-kliem tal-eżaminaturi bħallikieku din kienet intervista u mhux eżami li fih l-istudenti jiddiskutu suġġett.

Kien hemm għadd ta' studenti li mill-pronunzja u mill-mod kif ma setgħux isibu l-kelma addattata bil-Malti wrew li mhumiex imdorrijin jitkellmu bil-Malti, iżda ftit li xejn kien hemm kandidati li daħħlu sentenzi sħaħ bl-Ingliż. Ħafna minnhom, però, bdew idaħħlu għadd ta' kliem u frażijiet bħal "*thank you* ħafna," "*sorry*," "*shopping*," u "*site*," aktarx għax anki waqt eżami jsibuha diffiċli biex jikkoreġu l-mod kif jitkellmu fil-ħajja ta' kuljum. Hemm ċerti drawwiet lingwistiċi li ma tistax tikkontrollahom waqt eżami meta tkun ilek ħafna tużahom u għalhekk l-eżami tal-oral f'dan il-livell għandu jixpruna lill-istudenti biex jitkellmu b'Malti tajjeb fil-ħajja ta' kuljum. Ħafna studenti bdew jgħidu "*thank you*" u mbagħad jikkoreġu ruħhom, "*sorry*, grazzi ridt ngħid!" L-istess jista' jingħad għad-djalett, li minkejja l-valur kbir tiegħu mhux postu f'eżami li jeżamina l-lingwa standard.

L-eżaminaturi nnutaw l-użu iktar milli hu meħtieġ ta' kelmiet jew espressjonijiet bejjiena bħal "tipo," fosthom anki bl-Ingliż ("*as in*" u "*like*"). Uħud bdew idumu ħafna jaħsbu biex isibu l-kelma bil-Malti u xi drabi bdew joħorġu bi kliem pjuttost stramb bħal "apparekkju."

Il-kandidati interpretaw it-titlu li messhom jitkellmu fuqu b'modi differenti, u dan m'għandux jitqies bħala nuqqas għax, ngħidu aħna, "iċ-ċinema fil-gżejjer Maltin" jirreferi għall-popolarità taċ-ċinema fost dawk li jgħixu Malta iżda jista' jinftiehem ukoll bħala referenza għal produzzjonijiet ċinematografiċi li jinħadmu Malta.

Ċerti studenti wrew nuqqas ta' maturità fl-ideat. Ngħidu aħna, meta ġew biex jitkellmu dwar il-klieb fl-aħbarijiet u l-moħqrija tal-annimali ffukaw wisq fuq kemm iħobbu l-kelb tagħhom, kemm ilu għandhom, x'jismu, u l-bqija. Sabuha diffiċli li jsemmu moħqrija fuq annimali oħra jew li jippruvaw jagħtu raġunijiet għala n-nies jaħqru l-

annimali. Kien hemm ukoll min kważi beda jgħajjar lil min jittratta lill-annimali ħażin u uża kliem li mhux postu f'kuntest formali bħal dak ta' eżami. Fil-każ tal-gazzetti u l-ġrajjiet kurrenti, kien hemm min beda jsemmi ġurnalisti Maltin b'isimhom u jfaħħarhom jew jikkritikahom mingħajr ma jiffoka fuq il-kwalitajiet ġenerali meħtieġa biex persuna tkun ġurnalista tajba. Kien hemm min wera nuqqas ta' interess fejn jidħlu affarijiet kulturali u kien hemm min ma rnexxilux isemmi mqar mużew wieħed.

Uħud mill-kandidati kienu wisq imbeżżgħa u dan affettwa ħafna l-mod kif tkellmu. Min-naħa l-oħra kien hemm oħrajn li daħlu għal dan l-eżami mitħaddet jomogħdu ċ-'chewing gum.'

**Kummenti dwar it-temi individwali tal-orali**

1. Il-ktieb elettroniku u l-qari minn fuq il-kompjuter
Għadd ta' kandidati ffukaw fuq il-qari minn fuq il-kompjuter tant illi bdew isemmu għadd ta' siti, fosthom Wikipedia. Meta l-eżaminaturi ppruvaw jiggwidawhom sabiex jitkellmu dwar il-ktieb elettroniku xi wħud lanqas biss kienu jafu x'inhu. L-istudenti wrew nuqqas ta' kreattività u ideat marbuta ma' kunċetti u tagħmir li twieldu magħhom. Ngħidu aħna, xi wħud m'għamlux rabta bejn il-wi-fi u l-laptop jew il-ktieb elettroniku u għalhekk, ħarġu bl-argument li l-kompjuter huwa impossibbli li ġġorru f'post pubbliku sabiex tinqeda bil-wi-fi. Ftit kienu dawk li kienu jafu dwar il-ktieb elettroniku anke meta l-isem stess jissuġġerixxu x'inhu l-oġġett.

2. Klieb fl-aħbarijiet
Il-kandidati li messhom dan is-suġġett kienu infurmati u kapaċi jimirħu fid-diskors tagħhom. Ħafna qalu illi għandhom xi kelb jew iħobbu ħafna l-klieb u allura dan għandu mnejn iffaċilitalhom id-diskors. L-istudenti dehru li kienu infurmati, anke mill-aħbarijiet, għaliex mhux biss semmew il-klieb li għandhom id-dar iżda rifdu l-argumenti tagħhom b'eżempji ta' diskors mill-aħbarijiet.

3. Ir-rivoluzzjonijiet fil-pajjiżi Għarab

Minkejja li dan huwa suġġett li ddomina l-ġrajjiet kurrenti għal aktar minn sena, xi wħud mill-kandidati mill-ewwel stqarrew li ma kienu jafu xejn fuqu u kieku setgħu kienu jibdluh. Kien hemm xi wħud li ma wrewx li ma jafux iżda dan ħareġ ċar minn kif żviluppat id-diskussjoni. L-eżaminaturi ppruvaw jgħinuhom billi jsemmu lil Malta u l-involviment tagħha f'dak li kien qiegħed jiġri imma xorta waħda kien hemm studenti li kienu mitlufa għalkollox. Importanti li l-istudenti jkunu jafu s-sillabu u jitħejjew għalih. Għadd kbir ta' studenti kienu jafu dwar dak li kien qed jiġri iżda mhux kollha kellhom il-ħila jitkellmu fuqu b'Malti matur li jixraq lil-livell intermedju.

4. Gazzetti u ġrajjiet kurrenti

Dan it-titlu kien pjuttost miftuħ għalhekk il-kandidati sabu ħafna dwar xiex jitkellmu. Iżda jidher li għadd ta' kandidati huma passivi wisq u wħud mill-ewwel stqarrew li ma jaqrawx gazzetti. Oħrajn kienu sajma għalkollox mill-fatt li tista' taqra l-gazzetta fuq l-internet u semmew biss it-titli ewlenin li jitilgħu fuq Facebook. Mill-banda l-oħra, kien hemm studenti li argumentaw b'mod fluwidu u semmew xi taqsimiet tal-gazzetta u x'jifhmu huma bi ġrajjiet kurrenti. B'mod ġenerali, l-istudenti hawnhekk marru tajjeb kemm għax żammew l-argument għaddej, kif ukoll għax kienu pjuttost infurmati dwar dan is-suġġett.

5. Iċ-ċinema fil-gżejjer Maltin

L-eżaminaturi nnutaw li kien hemm nuqqas ta' għarfien dwar l-industrija taċ-ċinema f'Malta b'mod ġenerali: fejn jinħadmu l-films, x'films inħadmu, min iġib il-films Malta, min huma d-diretturi u l-atturi ewlenin li ġew Malta... Tant hu hekk li wħud bdew isemmu kontinwament is-sensiliet televiżivi Maltin u b'ċerta kunfidenza qalu li dawn mhumiex films ta' livell.

Fl-istess ħin ma tantx kienu jafu dwar kemm il-Maltin imorru ċ-ċinema biex jaraw film. Xi wħud mill-istudenti m'għarfux iwieġbu għall-mistoqsija dwar jekk Malta għandhiex rabta qawwija wisq mal-produzzjonijiet ta' Hollywood. L-istudenti kollha li wieġbu din il-mistoqsija qalu li Malta għad m'għandniex il-livell ta' Hollywood u ma nibagħtux wisq

nies barra minn Malta... Xi studenti, kemm dawk li taw risposti validi u kemm l-oħrajn, kienu neqsin ħafna mill-ħila li jelaboraw bis-sens. Għal din il-mistoqsija ħadd ma semma, ngħidu aħna, il-films ta' Bollywood.

Xi studenti ħarġu barra mis-suġġett għax ħlief l-ikel li jittiekel iċ-ċinema ma semmewx. Oħrajn semmew lil Paceville bħala l-post tad-dnub u li huma ma jħobbux imorru hemm; għalhekk jippreferu ċ-ċinema. Kien hemm ukoll xi ftit konfużjoni bejn "film," dak li tara ċ-ċinema, u ċ-"ċinema," il-post fejn tara l-films jew l-arti ċinematografika inġenerali. Kien hemm studenti li bi kliem xieraq u mirqum faħħru l-livell tal-produzzjonijiet ċinematografiċi Maltin u kkomparawh ma' dak tal-barranin.

6. Id-delitti u n-nies

Hawnhekk l-istudenti kienu pjuttost infurmati dwar is-suġġett għaliex taw eżempji validi, fosthom dwar il-każ ta' Ġiġa. Ħafna studenti sostnew l-argument tagħhom u xi wħud żammew l-argument għaddej billi kienu organizzati fl-argumenti tagħhom i.e. x'ġara qabel id-delitt, x'seta' kien qed jaħseb min għamel id-delitt, meta wasal għad-delitt, kif jista' jinqatel bniedem, u l-bqija.

L-ikbar difett kien in-nuqqas ta' terminoloġija xierqa, terminoloġija bħal "post tad-delitt," "stħarriġ," "vendetta" u "vittma." Numru ta' studenti li mill-aċċent u mid-diffikultà kontinwa biex isibu l-kelma bil-Malti dehru li normalment jitkellmu bl-Ingliż ma fehmux it-terminoloġija li bdew jużaw.

7. Diżastri naturali u diżastri umani

Hawnhekk l-istudenti kienu infurmati ħafna. Għad illi xi studenti kellhom il-kwalità, uħud minnhom kienu neqsin mill-kwantità. Ma tantx kien hemm studenti li semmew tipi differenti ta' diżastri naturali sabiex jiftħu l-argument; ħafna semmew biss il-kawżi u l-effetti, li fil-verità kienu tajbin ħafna. L-istudenti żammew l-argument għaddej u minn kelma waħda mingħand l-eżaminaturi kienu kapaċi jiftħu mill-ġdid id-diskors. Barra minn hekk, l-istudenti argumentaw b'mod matur u wiżnu sew l-argumenti tagħhom.

Madankollu, ftit kienu dawk li kienu kapaċi jorbtu ż-żewġ partijiet tat-tema flimkien. Il-biċċa l-kbira l-ewwel tkellmu fuq id-diżastri naturali u mbagħad fuq id-diżastri umani. Kien hemm kandidati li ma kinux jafu d-differenza bejn diżastri naturali u diżastri umani.

8. Mużewijiet u siti storiċi

Hawnhekk kien hawn studenti li kienu sinċiera u qalu li ma jafux wisq dwar is-suġġett jew li qatt ma marru mużew jew sit storiku. Meta l-eżaminaturi fakkruhom fiż-żjarat li jsiru fl-iskola primarja, xorta dehru li ma setgħux jiftakru. Xi studenti ma bbilanċjawx l-argumenti tagħhom u ma kinux konsistenti. Kien hemm min beda jgħid li qatt ma mar mużew f'ħajtu imma meta kien żgħir kien imur ħafna ma’ tal-iskola. Oħrajn qalu li qatt ma żaru mużew ma’ tal-iskola.

Ħafna dehrilhom li l-Maltin għandhom iħallsu sabiex jidħlu jaraw siti storiċi inkella iktar iħammġu u jivvandalizzaw. F'din it-tema spikkat ħafna l-kreattività tal-istudenti meta l-eżaminaturi staqsewhom din il-mistoqsija: “Kieku kellek tiftaħ mużew inti, ta' xiex ikun?” Kien hemm min semma li jiftaħ mużew tal-arti u spjega kif għandu jkun differenti u kien hemm min semma li jiftaħ mużew ta' xi xarba partikolari għaliex barra minn Malta ra wieħed hekk. Xi studenti wrew li huma miftuħa għad-dinja t’hemm barra għaliex qabblu lil Malta ma’ pajjiżi oħra. Anke jekk buthom ma jiflaħx il-piż tas-safar fiżiku, l-internet kapaċi joffri esperjenza virtwali edukattiva għal min ifittixha, iżda ħadd ma semma l-mużewijiet ewlenin tal-Ewropa jew tal-Mediterran. Kien hemm min mhux dejjem ħoloq bilanċ bejn iż-żewġ aspetti tat-tema.

9. Is-safar avventura, imma periklu wkoll

Hawnhekk l-istudenti kienu pjuttost mexxejja fit-taħdit tagħhom. Huma semmew mezzi ta' trasport differenti, kawżi ta' periklu (kien hemm xi wħud li ma ġithomx mill-ewwel f'moħħhom l-idea li l-vjaġġ innifsu huwa periklu iżda meta l-eżaminaturi semmewhielhom fetħu fuqha sew), u anke xi esperjenzi minn tagħhom jew fejn jixtiequ jmorru. B'mod ġenerali

hawnhekk l-istudenti marru tajjeb għaliex taw eżempji validi u żammew bilanċ fl-argumenti fluwidi tagħhom.

## L-EŻAMI TAL-KITBA (90%)

### TAQSIMA A – IL-KOMPONIMENT ĠENERALI (30%)

Il-komponiment ġenerali jiġi eżaminat skont:

a) L-ideat dwar is-suġġett u l-kreattività.
b) L-istil u l-istruttura tal-kitba. Il-kitba trid tixhed li l-kandidati kapaċi jħaddmu Malti idjomatiku u vokabularju varjat, u jippreżentaw xogħolhom b'mod xieraq, b'taqsim f'paragrafi u b'punteġġjatura f'lokha.
c) Il-grammatika u s-sintassi jridu jkunu korretti u juru li l-istudenti jafu jesprimu ruħhom tajjeb.
d) L-ortografija trid tkun korretta u aġġornata.

Il-kandidati li jiktbu inqas minn 450 kelma jiġu ppenalizzati.

### It-temi tal-komponiment ġenerali

Fil-kitba tal-komponiment ġenerali kien hemm nuqqasijiet kemm fit-trattament tas-suġġett magħżul kif ukoll fl-użu tal-lingwa. B'mod ġenerali dawn iż-żewġ nuqqasijiet instabu flimkien iżda kien hemm komponimenti li fihom is-suġġett ġie ttrattat b'ċerta ħila iżda b'lingwa batuta, u komponimenti oħrajn li fihom il-lingwa ntużat pjuttost tajjeb iżda l-argumenti kienu superfiċjali.

Għadd ta' kandidati jidher li ma tawx kas tat-twissija fil-bidu nett tal-karta biex jiktbu "Malti tajjeb" u għalhekk kien hemm "żbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija" li inevitabbilment "naqqsu ħafna l-marki."

Minkejja li l-kandidati kellhom għażla tajba ta' temi, kien hemm żewġ titli li bejniethom intgħażlu minn iktar minn 63% tal-kandidati. Mis-sitt titli li ngħataw, l-aktar komponiment popolari mal-kandidati kien in-numru 4, "Il-gwerra kontra d-droga," li għażluh persentaġġ ta' 38.3%. Warajh insibu n-numru 5, "Il-lejl iġib il-mistrieħ. Imma mhux għal kulħadd,"

li għażluh 24.9%. In-numru 1, "Kif issalva ħbiberija," għażluh 14.6%; in-numru 3, "Qattiela," għażluh 9.2%; in-numru 6, "Qabel operazzjoni," għażluh 7.4%; u n-numru 2, "L-inkwiet iqawwik," għażluh 5.6%. B'mod ġenerali, il-livell tal-komponimenti kien jirrifletti b'mod sodisfaċenti dak li hu mistenni minn studenti f'dan l-istadju tal-edukazzjoni tagħhom.

Il-preferenza qawwija favur titlu numru 4 sa ċertu punt tinftiehem għax is-suġġett tad-droga huwa suġġett li qiegħed, u ilu ħafna, fuq fomm kulħadd, u jidher li ħafna studenti ħassewhom komdi jitkellmu fuqu. Fil-każ ta' numru 5, kien hemm firxa ġmielha ta' ħsibijiet marbutin ma' temi bħax-xogħol, id-divertiment u l-kriminalità.

Ħafna studenti taw kas tat-tqassim tal-paragrafi. Madankollu, fejn tidħol il-maturità fl-ideat, ftit kienu dawk li wrew xi livell għoli fl-iżvilupp tal-ħsieb. Barra minn hekk, ma kienx hemm ħafna studenti li kitbu Malti tassew sabiħ u mexxej u li tieħu gost taqrah. Għaldaqstant, ftit li xejn kien hemm min qabeż il-25 marka minn total ta' 30. Xi wħud imbagħad kellhom ideat tassew maturi, mogħnija b'Malti sabiħ u mexxej u li tieħu gost taqrah. Kien hemm min ma kellu ebda żball tal-lingwa, la fl-ortografija, la fil-grammatika jew fis-sintassi, u lanqas fl-idjoma.

L-eżaminaturi għadhom jiltaqgħu ma' komponimenti li fihom ikun hemm paragrafu wieħed fil-korp tax-xogħol u sintassi ħażina. Hemm kandidati li jiktbu l-Malti mingħajr ħsieb. Dan huwa nuqqas kbir u serju, speċjalment f'dan il-livell postsekondarju. Kien hemm min kellu ortografija fqira ħafna u bi żbalji banali u tassew koroh. Dan kollu ma tippretendihx f'dan il-livell. Kien hemm komponimenti b'għadd ta' żbalji f'kull vers.

Barra minn hekk, kien hemm bosta li ma żammewx mat-tul tal-komponiment u kitbu inqas minn 450 kelma, li huwa l-**minimu** mitlub minnhom; is-sillabu jgħid li "l-komponiment irid ikun fih bejn 450 u 500 kelma." Xi kandidati kitbu inqas minn 300 kelma u oħrajn ħallew il-komponiment ġenerali għall-aħħar u kitbu inqas minn 250 kelma. Dawk li ma żammewx mat-tul ġew ippenalizzati. Ftit ħafna kienu dawk il-kandidati

li niżżlu n-numru ta' kliem li jkunu bejn wieħed u ieħor kitbu fl-aħħar tal-komponiment.

L-akbar firxa ta' ideat oriġinali l-eżaminaturi rawha f'komponiment numru 1, "Kif issalva ħbiberija," u numru 3, "Qattiela." Kien hemm nuqqas kbir ta' ideat oriġinali f'dawk li għażlu komponiment numru 6, "Qabel operazzjoni."

Minkejja li l-istudenti jafu li għandhom jippjanaw il-komponiment tagħhom u jippruvaw kemm jista' jkun jimxu ma' dak il-pjan, ix-xogħol wera li kien hemm għadd mhux żgħir ta' kandidati li ma fasslux il-kitba tagħhom. Xi kultant il-kandidati jibdew jiktbu bla ma jkollhom l-iċken ħjiel fejn iridu jaslu bl-ideat jew l-argumenti tagħhom u sikwit tarahom jerġgħu lura għall-istess argument li jkunu tkellmu fuqu qabel. Dan juri nuqqas serju ta' ppjanar.

Għadd kbir ta' kandidati użaw il-punteġġjatura b'mod korrett biex ifissru ruħhom b'mod effettiv iżda xorta waħda kien hemm studenti li kitbu sentenzi li ma jagħmlux sens minħabba użu ħażin tal-punteġġjatura. L-istudenti jridu jifhmu li meta ma jħejjux pjan tematiku għall-komponiment għandhom it-tendenza li jagħmlu żbalji lingwistiċi banali għax ma jkunux jistgħu jlaħħqu sew mal-iżvilupp tematiku u l-espressjoni lingwistika fl-istess ħin.

**Xi żbalji komuni**

Żball komuni kien dak tan-nuqqas ta' qbil bejn il-ġens tan-nom u l-aġġettiv, ngħidu aħna, "mara kbir," jew bejn il-ġens tal-verb u s-suġġett, bħal fil-każ ta' "It-tifla mar." Fil-biċċa l-kbira tal-każi l-iżball isir meta s-suġġett ikun fil-ġens femminil. Dan huwa żball li l-eżaminaturi issa ilhom jinnutawh is-snin.

Kien hemm għadd ta' żbalji ortografiċi fejn tidħol l-"għ." Fost l-iżbalji komuni l-oħrajn kien hemm dawn li ġejjin: "kliem ġodda" flok "kliem ġdid;" "iffamaliżaw" flok "iffamiljarizzaw;" "tliett" flok "tlett/tlitt" u "tlett/tlitt"

flok "tliet;" "mill-lingwa" flok "mil-lingwa;" "misfortuna" flok "sfortuna;" "ittijom" flok "tagħtihom;" "sinnifiku" flok "sinifikanti;" "ħolmijiet" flok il-kollettiv "ħolm" jew il-plural "ħolmiet;" "bidlett" flok "biddlet;" "kullħadd" flok "kulħadd;" "sommom" flok "somom;" "nistu" flok "nistgħu;" "nixelu" flok "nixegħlu;" "nafsu" flok "nagħfsu;" "jistgħaw" flok "jistgħu;" "tajtx" flok "tgħidx;" u "optimiżmu" flok "ottimiżmu." Dan huwa biss ħjiel tal-iżbalji li kien hemm fil-karti tal-eżami u li ma jixirqux lil eżami ta' dan il-livell.

Xi wħud ftit jagħmlu distinzjoni bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub: għadhom ma jafux li f'xogħol ta' dan il-livell għandhom jiktbu Malti idjomatiku, b'lingwaġġ mexxej, mirqum u sabiħ tipiku tal-lingwa miktuba.

## TAQSIMA B – IL-KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA (20%)

F'din it-taqsima l-istudenti kellhom jagħżlu titlu wieħed minn dawn it-tlieta:

1. Il-vokabularju ta' lsien ħaj, bħalma huwa l-Malti, jgħaddi minn proċess kontinwu ta' tibdil. Waqt li ċertu kliem ma jibqax jintuża u jgħib, jidħol kliem ġdid li jkun meħtieġ biex lingwa tibqa' tiżviluppa.

2. It-tiswir morfoloġiku jinvolvi proċessi bħad-derivazzjoni (l-affissi), il-kliem kompost, it-tqarwiż, il-formazzjoni warranija, il-*blending*, u l-akronimi. Analizza mill-inqas erbgħa minn dawn il-proċessi fid-dawl tal-morfoloġija tal-Malti.

3. Ninu Cremona jgħid li l-ilsien Malti nistgħu nqabbluh ma' bini qadim li minn seklu għal ieħor u minn saltna għal oħra tbiddel, issewwa u żżewwaq skont il-bixra tad-disinn u tat-tnaqqix taż-żminijiet. Fid-dawl ta' dak li jgħid Cremona, iddeskrivi kif l-elementi lingwistiċi ta' nisel differenti jitħalltu fil-Malti.

Il-komponiment lingwistiku ġie eżaminat skont il-kontenut tiegħu (l-

argumenti u l-ideat rilevanti għas-suġġett u l-użu tajjeb ta' eżempji rilevanti u oriġinali), skont l-espressjoni (l-iżvilupp tal-ideat u l-koeżjoni, u l-grammatika u s-sintassi) u skont l-ortografija. Ir-riproduzzjoni ta' eżempji mhux oriġinali għax diġà mogħtija fit-test akkademiku stabbilit jew minn ħafna kandidati oħrajn ma tagħtix l-impressjoni li l-kandidati kapaċi jħaddmu l-kunċetti lingwistiċi li jkunu studjaw.

Minħabba n-natura pjuttost stabbilita u aktarx prevedibbli tal-mistoqsijiet tal-lingwistika, il-qasam li fih il-kandidati jistgħu verament juru kemm internalizzaw il-kunċetti u l-fenomeni lingwistiċi huwa proprju dak tal-eżempji. Aspett ieħor li jfittxu l-eżaminaturi meta jaraw it-tweġibiet huwa li l-kitba tkun organika fil-mixja tematika u stilistika tagħha; komponiment m'għandux ikun sempliċiment il-ġabra ta' sensiela ta' noti, kultant anki miftumin minn xulxin.

L-għażla li kellhom il-kandidati fil-karta tal-eżami kienet waħda tajba u raġonevoli. It-tliet mistoqsijiet li ngħataw kienu diretti u ċari u jirriflettu l-għarfien li jrid ikollhom tas-suġġett l-istudenti fil-livell intermedju.

Anke hawnhekk, l-għażla li kellhom il-kandidati fil-karta tal-eżami kienet waħda tajba u raġonevoli, u suppost konċiża u ċara. Madankollu, kien hemm min ħawwad il-mistoqsija numru 1 (Semantika) ma' numru 3 (Malti Lsien Imħallat); kien hemm min tkellem, u mhux wieħed jew tnejn, fuq l-iżvilupp tal-ilsien Malti f'mistoqsija numru 1, li kienet fuq is-Semantika (tibdil fit-tifsir, tibdil storiku, lingwistiku, soċjali, psikoloġiku, trasferimenti, omofonija, neoloġiżmi, eċċ).

Il-mistoqsija numru 3 kienet l-iktar waħda li ntgħażlet għax tidħol fiha wkoll l-istorja ta' pajjiżna u tal-ilsien Malti, u ħafna jafuha. Il-maġġoranza ta' dawk li għażlu din il-mistoqsija taw għadd kbir ta' eżempji, kif għandu jkun, xi wħud tassew fid-dettall. Iżda kien hemm studenti li ma taw ebda eżempji mit-taħdit ta' kuljum li juru kif żviluppat il-lingwa Maltija. Kien hemm uħud ukoll li ma tawx importanza lil xi wieħed mill-elementi li jsawru l-ilsien Malti. Bosta kkonċentraw fuq l-element Rumanz, u l-elementi l-oħrajn (Semitiku u Ingliż) ftit li xejn semmewhom: jidher li l-

aktar element li l-istudenti tagħna huma midħla tiegħu huwa dak Rumanz. Bosta wkoll injoraw għalkollox l-element Għarbi, il-pedament tal-ilsien Malti. Barra minn hekk, kien hemm għadd kbir ta' studenti li rrakkontaw il-miġjiet different tal-ġnus li mmarkaw il-ġrajja tal-gżejjer Maltin f'mistoqsija li tiffoka fuq l-elementi kostitwenti tal-lingwa u mhux fuq l-istorja ta' Malta, u għalhekk tiflu l-marki.

F'mistoqsija numru 2 (Morfoloġija), kien hemm xi wħud li għamlu l-iżball li ma tkellmux fuq mill-inqas erbgħa mill-proċessi li jissemmew fil-mistoqsija, u kien hemm oħrajn ukoll li tkellmu fuq xi aspetti/proċessi mhux inklużi fil-mistoqsija. Barra minn hekk, kien hemm min tkellem fuq il-proċessi b'mod għalkollox superfiċjali, bi ftit eżempji, u għalhekk anke hawn kien hemm min tilef bosta marki. Madanakollu, jidher li ħafna minn dawk li wieġbu mistoqsija nru. 2 studjaw il-proċessi bl-amment, ħejjew kollox minn qabel u sempliċement irriproduċew kollox fuq il-karta. Ħafna xogħlijiet kienu l-istess, bl-istess eżempji u tqassim u tagħrif, u dan jixhed nuqqas ta' għarfien ħaj tas-suġġett u nuqqas ta' żvilupp tal-ideat, u jindika li t-tweġibiet kienu frott ta' noti lesti minn qabel.

Kollox ma' kollox, il-livell fejn tidħol il-lingwistika kien sodisfaċenti u ħafna mill-marki kienu bejn "10" u "14" minn total ta' "20;" ftit kienu dawk li qabżu s-"17." Dawn il-marki jirriflettu wkoll l-iżbalji tal-lingwa (idjoma, sintassi, ortografija, eċċ) li saru f'dawn it-tweġibijiet.

Jeħtieġ li l-istudenti jirrispettaw il-lingwa mitkellma u miktuba u jħaddmuha b'elokwenza biex jikkomunikaw b'mod sabiħ u effettiv u biex itejbu l-livell edukattiv u kulturali tagħhom.

## TAQSIMA Ċ u D – IL-KOMPONIMENTI TAL-LETTERATURA

It-tweġibiet tal-istudenti ġew eżaminati skont il-kontenut tagħhom (ir-rilevanza u l-iżvilupp tal-argumenti u l-ideat, u r-rabta ta' kollox flimkien), l-espressjoni (minn naħa, il-kwotazzjonijiet u r-referenzi, u min-naħa l-oħra, l-idjoma, il-grammatika u s-sintassi) u l-ortografija. Fil-każ tal-kwotazzjonijiet u r-referenzi, l-istudenti jistgħu

jużaw kemm kwotazzjonijiet preċiżi bejn il-virgoletti doppji kif ukoll kwotazzjonijiet (jew referenzi) indiretti għat-testi letterarji jew kritiċi li juru għarfien tajjeb ta’ dawn it-testi.

L-eżaminaturi nnutaw għadd ta’ nuqqasijiet rikorrenti fil-komponimenti dwar il-proża letterarja u dwar il-poeżija. Wieħed minnhom għandu x’jaqsam mal-introduzzjoni, li fiha għadd ta’ studenti użaw termini, bħal awtur “omnixxjenti,” li ma ntrabtu bl-ebda mod loġiku mal-kumplament tal-kitba tagħhom. Il-kandidati jridu jifhmu li l-introduzzjoni hija kruċjali biex juru x’se tkun il-pożizzjoni kritika ewlenija li se jieħdu fil-komponiment tagħhom.

Fil-konklużjoni l-istudenti jistgħu jiġbru l-punti ewlenin tal-kitba tagħhom u jippreżentawhom, idealment, f'dawl ġdid, iżda l-biċċa l-kbira fajru żewġ sentenzi psewdofilosofiċi fuq il-futur tal-pajjiż jew tal-lingwa, fuq l-imħabba lejn in-natura, u prietki ta’ din ix-xorti. Kien ikun aħjar kieku rriflettew fuq il-viżjonijiet li jippreżentaw l-awturi Maltin fuq it-temi differenti li jaffrontaw.

Barra minn hekk, il-komponimenti kienu miżgħudin bi żbalji ortografiċi. Fost l-aktar żbalji komuni kien hemm: “tlett” għal “tliet,” “soċjeta” mingħajr aċċent fuq l-aħħar vokali, “minn naħa l-oħra” flok “min-naħa l-oħra,” u “jaqlibilha” flok “jaqlibhielha” (fis-sens ta’ jittradiha). Kien hemm ukoll għadd ta’ żbalji verament banali fil-kitba tal-ismijiet tal-awturi u tax-xogħlijiet, bħal fil-każ ta’ “Ġuże” Chetcuti (Ġużè), “Anastażju” Cuschieri (Anastasju) u “Friġġieri” (Friggieri).

## TAQSIMA Ċ – IL-KOMPONIMENT FUQ IL-POEŻIJA (20%)

L-eżaminaturi nnutaw li l-istudenti kellhom iktar diffikultà biex jiktbu l-komponiment dwar il-poeżija milli dwar in-narrattiva jew id-drama. Fil-każ tal-proża letterarja, ħafna studenti wrew ħila kif jiżvolġu argument u ma' kull pass irreferew għal ġrajjiet, episodji u karattri mix-xogħol letterarju li kienu qegħdin jiktbu fuqu.

Għall-kuntrarju, fil-każ tal-analiżi tal-poeżija ftit kienu dawk l-istudenti li marru tajjeb. Il-biċċa l-kbira għamlu lista ta' ħames jew sitt poeżiji u taw speċi ta' "deskrizzjoni" fuq fuq ta' kull waħda, paragrafu fuq kull waħda, bħallikieku poeżija toffri biss kontenut informattiv fiss u statiku li m'għandu xejn mid-dinamiċità intrinsika tal-letteratura meta tinftiehem, kif inhi, bħala relazzjoni li tinbena kull darba bejn test u qarrejja individwali li jagħtuh il-ħajja. In-nuqqas ta' interazzjoni ġenwina mal-poeżiji deher fil-mod kif għadd ta' studenti daħħlu referenzi jew kwotazzjonijiet mill-poeżiji li ma kellhomx funzjoni ċara u relatata mal-argument tat-tema magħżula. Kienu ftit wisq dawk li għamlu assoċjazzjoni bejn poeżija u oħra, u użaw ir-referenzi u l-kwotazzjonijiet skont l-iżvilupp tad-diskussjoni, biex isaħħu l-argument.

Kull paragrafu għandu jiddiskuti aspett importanti tal-mistoqsija magħżula, u r-referenzi għall-kontenut tematiku u l-istil tal-poeżiji jridu jirfdu l-argument prinċipali tal-paragrafu. L-istudenti jridu jifhmu li l-mistoqsijiet dwar il-poeżija Maltija jiffukaw fuq kif il-poeti Maltin ta' ġenerazzjonijiet differenti jirrappreżentaw il-ġens Malti, il-pajsaġġ u r-relazzjonijiet umani, u ma jassumux li dak li jgħidu l-poeti huwa xi tip ta' "verità assoluta." Il-poeti u l-kitbiet tagħhom jirriflettu żmienhom, il-konvenzjonijiet letterarji (tematiċi u stilistiċi) li trawmu fihom, u l-għażliet individwali tagħhom bħala persuni bi storja individwali unika, kemm bħala bnedmin u kemm bħala poeti.

Fil-karta tal-eżami ta' Mejju 2012 il-kandidati ngħataw dawn iż-żewġ mistoqsijiet biex l-istudenti jagħżlu waħda:

1. Il-poeti Maltin jagħtu l-viżjoni tagħhom tal-istorja qadima u reċenti tal-Maltin. X'inhuma l-elementi li jagħfsu fuqhom l-aktar fil-poeżiji tagħhom?
2. Ħafna drabi l-poeti Maltin jaraw firda bejn il-pajsaġġ naturali u d-dinja tal-bnedmin. Xi jwassal għal din il-firda? Il-poeti fejn ipoġġu lilhom infushom?

L-ewwel tema, dik dwar il-viżjoni tal-poeti Maltin tal-istorja qadima u reċenti tal-Maltin, kellha tistħarreġ, fost l-oħrajn, l-idealizzazzjoni tal-imgħoddi, ta' ċertu tip ta' mgħoddi, b'episodji magħżulin b'ċerta reqqa mill-poeti, u hawn il-kandidati setgħu jiddiskuti din l-idealizzazzjoni, jew in-nuqqas tagħha, f'kitbiet ta' awturi bħal Dun Karm, Ġorġ Pisani, Ġużè Chetcuti, J. J. Camilleri, Victor Fenech, Daniel Massa, u Mario Azzopardi. Il-kandidati setgħu jħarsu wkoll lejn id-demonizzazzjoni tal-barranin u ta' dawk li mhumiex Insara, l-użu tal-metafora tal-omm bħala metafora tan-nazzjon Malti, il-pjaga tal-qerda ambjentali li jaraw il-poeti Moderni u li jinterpretawha permezz tad-diskors u t-twemmin reliġjuż, u l-kontroparti tagħha fl-idealizzazzjoni tal-pajsaġġ Malti tipika tar-Romantiċi imma li tidher ukoll f'poeta Modern bħal Joe Friggieri.

Fil-każ tat-tieni tema, dik dwar il-firda li jaraw il-poeti Maltin bejn il-pajsaġġ naturali u d-dinja tal-bnedmin, l-istudenti kellhom jesploraw, fost l-oħrajn, kif poeti Romantiċi bħal Ġorġ Zammit u Anton Buttigieg jidealizzaw in-natura u jaraw lill-bnedmin bħala għedewwa tagħha u kif l-istess idea ssibha fil-Moderni, speċjalment f'poeżiji bħal "Hemm Fjura Rqiqa" ta' Joe Friggieri li tidwi l-poeżija "Il-Ħolma t'Alla" ta' Anton Buttigieg, imma b'differenzi importanti. Il-poeżiji ta' Ġorġ Borg imissu lin-natura bi ħlewwa kbira, u fl-istess ħin jaraw fiha seħer kbir, kważi maġija. Il-poeti Maltin ta' qabel u ta' wara l-Indipendenza jitkellmu dwar in-natura bħala ħolqien ta' Alla, dwar in-natura bħala sagra li jistħoqqilha l-qima tal-bnedmin. Għall-poeti, il-vjolenza kontra natura hija vjolenza kontra l-persuna ta' Kristu, kontra Alla nnifsu. Il-bnedmin jeħduha kontra n-natura u jibżgħu min-natura, bħalma jidher f'"Il-Ġerrejja u Jien" u "Żagħżugħ ta' Dejjem" ta' Dun Karm, għax hija forza bil-wisq ikbar minnhom.

## TAQSIMA D – IL-KOMPONIMENT FUQ IN-NARRATTIVA/DRAMA (20%)

Fil-karta tal-eżami l-kandidati ngħataw dawn iż-żewġ mistoqsijiet dwar id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer:

1. Fid-dramm ta' Francis Ebejer *Menz*, iż-żewġ nisa Tereża u Ludilla B. huma tista' tgħid karattri opposti, iżda t-tnejn iħallu impatt kbir fuq il-karattru prinċipali tad-dramm. Iddiskuti.

2. L-azzjoni fid-dramm *Menz* isseħħ f'"Belt tkun fejn tkun, iżda, ma jistax jonqos – f'din id-dinja." Hija belt bla isem u bla pajjiż. Madankollu, f'ċerti aspetti ta' dan ix-xogħol Francis Ebejer jagħti l-impressjoni li qed jikkummenta dwar Malta. Taqbel?

L-ewwel tema, dik dwar Tereża u Ludilla B., titlob profil tajjeb ta' dawn iż-żewġ karattri nisa li joħloq Ebejer u analiżi ta' kif inhuma, f'ħafna aspetti, "opposti;" titlob ukoll stħarriġ dinamiku tal-imġiba tagħhom, lil hinn mill-kategoriji fissi li fihom jistgħu jitqiegħdu minn min jaqra d-dramm b'mod superfiċjali, u tal-impatt meqjus bħala "kbir" fuq Menz. L-aħjar risposti għal din l-ewwel mistoqsija stħarrġu din it-tema wkoll permezz ta' analiżi tal-mod kif tintuża l-lingwa biex tistabbilixxi profil, tagħti ritratt taż-żewġ karattri u l-imġiba tagħhom. Ngħidu aħna, fl-ismijiet stess Ebejer jittrażmetti impressjoni tal-karattru: l-isem "Ludilla B." jinstema' formulajku, anonimu, imbiegħed mill-emozzjonijiet tal-bnedmin u barrani għal udjenza Maltija, u dawn huma karatteristiċi li se jidhru fl-imġiba ta' Ludilla B. matul id-dramm.

"Tereża," min-naħa l-oħra, huwa isem li huwa parti integrali mit-tradizzjoni Maltija, mit-tessut tas-soċjetà; jinstema' familjari, mhux biss qrib ħafna tagħna imma parti minna; jinstema', appuntu, "minn tagħna." U sa mill-ewwel darba li tidher fuq il-palk, Tereża tagħti din l-impressjoni ta' qrubija lejn Menz, ta' familjarità miegħu minkejja li ma jafux lil xulxin. "Menz" mhuwiex isem Malti, u d-dramm mhux ambjentat espliċitament f'Malta, imma Tereża ddaħħlu fostna, tistabbilixxi li s-soċjetà li qed nitkellmu fuqha hija wkoll (iżda mhux biss) is-soċjetà Maltija. L-aħjar risposti ffukaw ukoll mhux biss fuq x'tip ta' impatt ħallew fuq Menz Tereża u Ludilla B. imma anki fuq il-kif, fuq x'għamlu biex affettwawh, influwenzawh, x'qalulu, kif qaluh.

Wieħed mill-komponenti fuq din it-tema minn din is-sessjoni tal-eżami affronta l-karattru ta' Tereża f'dan id-dramm b'ċerta kumplessità (minkejja l-iżbalji fl-espressjoni). Din hija l-ewwel parti mit-tieni paragrafu:

> Tereża tiġi ntrodotta għall-ewwel darba fl-ewwel Att bħala persuna indeċiża u bejn ħaltejn: għalkemm għandha diversi elementi konformisti fiha u qegħda ukoll f'għerusija ma' uffiċċjal għoli fir-reġim despotiku tal-Belt, għandha diversi atteġġjamenti li jsostnu il-maqlub ta' dan. Id-difiża tagħha ta' Menz kontra l-attakki ta' Luk/Taksi u tal-Pasti u quddiem l-interrogazzjoni tal-Pulizija turi li Tereża kapaċi tuża moħħha, anke jekk lil Menz kienet għada kif iltaqgħet miegħu għall-ewwel darba. kemxejn qabel. Madankollu, meta jidħol in xena l-għarus tagħha Razz u jitlobha sabiex tiġi miegħu, hija tagħmel hekk fl-aħħar mill-aħħar, allavolja tgħid ripetutament li qed tagħmel hekk kontra qalba u għax tinsab "b'katina m'għonqha." [...]

Bħal fil-każ tal-ewwel tema, it-tieni tema, dik dwar "il-belt bla isem u bla pajjiż" li Ebejer jagħti l-impressjoni li hija wkoll Malta, titlob analiżi tad-dramm li tmur lil hinn minn rapport fidil ta' dak li jingħad matul id-dramm. It-tweġiba trid tesplora x'evidenza hemm li Ebejer qed jirreferi għal Malta, u f'liema kuntest jagħti x'jifhem li qed jitkellem dwar Malta. Ngħidu aħna, fl-ewwel att Menz jgħid lil Tereża li kien ilu bil-ħsieb li jżur din il-belt. "Kont ili nafkom fuq il-mappa. Ħadt grazzja magħkom ilu ħafna: tikka fuq il-mappa. Ridt niġi nżurkom xi darba. Issa ili ġej." Il-mod kif jitkellem dwar "it-tikka fuq il-mappa" jfakkarna ħafna fil-mod kif nitkellmu fuq Malta. Ftit wara Menz jgħid li "Jiena jien. Qiegħed hawn, f'din it-tikka fil-paġni tal-Atlas. Paġna ħmistax. Hawn jiena tikka ġo tikka li għaliha jiena xxennaqt għal bosta snin – qisha d-dar t'ommi!" Din hija waħda mit-temi essenzjali tal-kitba kollha ta' Francis Ebejer, il-preokkupazzjoni bl-għeruq kulturali, bir-relazzjoni mal-omm naturali u l-omm kulturali. F'dan il-kuntest diffiċli biex ma tarax dan kollu bħala riflessjoni tad-dramm dwar l-għeruq (fil-każ ta' Ebejer Maltin), dawk li jinsabu fik anki jekk m'intix konxju jew konxja minnhom.

Iżda d-dramm jagħti evidenza iktar sostanzjali, fit-tessut tax-xogħol innifsu, li qed jitkellem dwar Malta. Għax hemm aspetti tal-ħajja tal-belt bla isem, tal-istruttura soċjali u tal-imġiba tan-nies, li lil udjenza Maltija inevitabbilment ifakkruha f'aspetti tas-soċjetà u l-kultura f'Malta, speċjalment is-soċjetà Maltija kif jinterpretaha, bi kritika qawwija, Ebejer, soċjetà li ma tagħtix lok għall-individwalità, għall-ħruġ barra mill-konfini stretti tan-norma, għall-ħsieb u l-imġiba ħielsa. It-tweġiba trid tħares lejn il-mod kif id-dramm jiddeskrivi lil din il-Belt anonima.

Mill-banda l-oħra, l-istudenti jistgħu wkoll jargumentaw li din il-Belt mhix Malta. Hi x'inhi l-interpretazzjoni, iridu jagħtu evidenza mid-dramm li tissostanzja l-pożizzjoni tagħhom. Ngħidu aħna, kien hemm kandidati li argumentaw li Ludilla B. tirrappreżenta dawk l-istituzzjonijiet politiċi u reliġjużi fil-pajjiż li jimponu r-rieda u r-regoli tagħhom fuq il-poplu; imma kien hemm ukoll min argumenta li fil-Malta li jitkellem fuqha Ebejer m'hemmx l-ekwivalenti ta' Ludilla B., li din però teżisti f'soċjetajiet maħkumin minn dittatorjat, iżda li karattri bħal Menz, għax barranin jew għax iridu jaħsbu b'mod differenti minn ħaddieħor, jeżistu u jispiċċaw vittmi bħalu. Kemm jekk il-pożizzjoni tkun li din il-Belt hija Malta, jew bħal Malta, kif ukoll jekk jingħad li mhix Malta, il-kandidati jridu jagħtu rendikont tal-kumplessità tas-sitwazzjoni u tal-interpretazzjoni u jirriflettu kemm fuq il-Belt u kemm fuq Malta.

Fil-każ tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, il-kandidati ngħataw dawn iż-żewġ temi:

1. Skont Oliver Friggieri, fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* "Ellul Mercer jisħaq fuq tliet problemi li lkoll flimkien jistgħu jitqiesu bħala tliet friegħi tal-problema tal-ħażen: il-ħażen reliġjuż, il-ħażen soċjali u l-ħażen fiżiku." Ikteb dwar dawn it-tliet tipi ta' ħażen fir-rumanz.

2. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hemm għadd ta' karattri u stejjer sekondarji li jsaħħu n-nisġa ċentrali tar-rumanz. Ikteb dwar il-karattri tal-aħwa u tal-missirijiet u dwar il-ġrajjiet li fihom jidhru l-aktar.

Għadd ta' kandidati għażlu l-ewwel tema, dik dwar it-tliet tipi ta' ħażen li jidentifika Oliver Friggieri fid-daħla tiegħu għar-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer. Waħda mir-riflessjonijiet li tista' ssir fil-bidu ta' komponiment dwar dan is-suġġett hija li rumanz dejjem jaffronta "problema." Dan ir-rumanz partikulari jaffronta, fost l-oħrajn, il-problema tal-ħażen fil-forom differenti tiegħu, ħażen li l-karattri differenti, speċjalment Leli, iridu jiffaċċjaw. L-interpretazzjoni tal-ħażen skont ir-rumanz hija ddeterminata mill-Knisja Kattolika konservattiva li tiddomina l-aspetti ewlenin tal-ħajja ta' Leli u l-komunità li jgħix fiha, tant li l-problema tal-ħażen reliġjuż, tal-fehmiet li jiżvijaw minn triq stabbilita mill-Knisja istituzzjonali, tiddomina r-rumanz kollu u tħalli l-akbar impatt fuq il-protagonista. Hawn tidħol ix-xewqa ta' Leli li jaqra kull ma jiġi għal idejh, anki testi letterarji u filosofiċi miċħudin mill-Knisja Kattolika jew apertament kontriha.

Il-kastig għal din it-trażgressjoni huwa l-mard mentali, il-kundanna għal ħajja mingħajr paċi interna u mingħajr is-solidarjetà tal-komunità. Għaldaqstant, il-ħażen reliġjuż għandu konsegwenzi soċjali u fiżiċi għal Leli. Iżda hemm ukoll il-ħażen tal-inġustizzja soċjali; l-injoranza minħabba n-nuqqas ta' skola u emanċipazzjoni; in-nuqqas ta' xogħol u s-"soluzzjoni," fil-forma ta' kastig, tal-emigrazzjoni tista' tgħid imposta fuq kull min ma jsibx fejn jaħdem.

Il-ħażen fiżiku, min-naħa l-oħra, huwa miġbur fil-marda qerrieda li taħkem lil Rożi; fl-imwiet u t-tbatijiet li jara Dun Karm fil-Gwerra l-Kbira u li ħadd, lanqas hu, mhu kapaċi jfisser is-sens tagħhom; fil-mewt bikrija ta' ħu Leli, Ninu, li minħabba l-ħażen soċjali jkollu jemigra u minflok isib ħajja ġdida jsib il-mewt fil-gwerra. Fir-rumanz hemm it-tradiment morali u fiżiku ta' Leli ma' Klara, u l-imġiba tas-Sur Nin li ma jistax jara mara. Ir-rumanz jissielet ma' dawn il-forom differenti ta' ħażen, u mal-fatt li l-bnedmin jitwieldu bid-dispożizzjoni għall-ħażen.

It-tieni tema fuq ir-rumanz ta' Ellul Mercer kienet dwar il-karattri tal-aħwa u tal-missirijiet u dwar il-ġrajjiet li fihom jidhru l-aktar, elementi importanti fil-bini tal-karattru u l-ġrajja mqallba ta' Leli li jikkonfermaw il-

preokkupazzjonijiet ewlenin li jqanqal dan ix-xogħol. F'dan il-kuntest jidħlu l-karattri ta' ħut Leli, Lippu u Ninu; missieru s-Sur Nin; missier Vira, Ġammarì; u oħt Vira, Rożi. Il-ġrajja tal-emigrazzjoni ta' Ninu u l-ġrajja tal-mewt bikrija ta' Rożi jħallu impatt fuq Leli u fuq il-fraġilità spiritwali u emozzjonali tiegħu; min-naħa l-oħra, ir-rumanz jippreżenta żewġ mudelli konxjament opposti tal-paternità li iżda t-tnejn jikkonformaw man-normi stabbiliti tal-komunità.

Il-kandidati li għażlu li jiktbu dwar din it-tema kellhom juru, fost l-oħrajn, kif dawn il-persuni qrib ta' Leli u l-ġrajjiet li kienu protagonisti fihom saħħu "n-nisġa ċentrali tar-rumanz." Waħda mill-isfidi ewlenin f'din it-tema kienet li l-kandidati jaraw ir-rwol ta' dawn il-karattri sekondarji bħala parti minn strateġija narrattiva kumplessa li fiha tiżvolġi l-istorja ċentrali ta' Leli li hija miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti li jiddependu mill-pożizzjonijiet li jieħdu l-qarrejja individwali.

**Konklużjoni**

Il-Bord tal-eżaminaturi jħoss li b'mod ġenerali l-kandidati f'din is-sessjoni tal-eżami tal-Malti fil-livell Intermedju laħqu l-livell mistenni minnhom bħala studenti li jinsabu fuq l-għatba tal-Università jew tad-dinja tax-xogħol imma li għandhom ħafna oqsma li fihom jistgħu jitjiebu. Il-kandidati jridu juru li kapaċi jużaw il-lingwa b'mod matur u kreattiv u li għandhom għarfien tajjeb tal-potenzjal li hemm fil-lingwa biex jesprimu ruħhom u janalizzaw il-lingwa u l-letteratura Maltija u temi li jmissu lilhom infushom fil-laħam il-ħaj.

Barra minn hekk, il-Bord jistenna li l-kandidati juru li għandhom għarfien tajjeb ħafna kemm tal-lingwistika tal-Malti kif ukoll tat-testi poetiċi, narrattivi u teatrali li jinsabu fis-sillabu u t-testi kritiċi ewlenin li nkitbu dwarhom.

Iċ-*Chairperson*
Bord tal-Eżaminaturi
Lulju 2012